MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 617/2004

**Maria Paris**

**Vs**

**Scicluna Patrick u Claire**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta’ Marzu 2004 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta’ Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) dovuti ghal-hsarat ikkagunati fil-madum ta’ l-art u fil-hajt divizorju taz-zewg fondi in kwistjoni.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Matul xogholijiet ta’ skavar li kienu qeghdin isiru mill-konvenuti fil-fond adjacenti dak ta’ l-atturi gew ikkagunati hsarat kemm fil-madum ta’ l-art kif ukoll fil-hajt divizorju taz-zewg fondi in kwistjoni. Kif iccertifika l-AIC Claude

Mallia (Dok MP1), wara li saru dawn ix-xogholijiet il-madum ta’ l-art fil-propjeta` ta’ l-attrici mbezaq il-fuq, filwaqt illi l-hajt divizorju zviluppa numru ta’ konsenturi. Konsegwentement hemm bzonn li jitbiddel il-madum tal-bicca affetwata, u kif turi l-istima hawn annessa bhala Dok MP2 il-valur tax-xogholijiet rezi necessarji jammonta ghal madwar Lm1500. Billi wara li l-konvenuti debitament interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni permezz ta’ ittra ufficjali datata 29 ta’ Lulju 2003 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok MP3) baqghu inadempjenti kellha tinfetah din il-kawza quddiem dan l-Onorabbli Tribunal. Ghalhekk umilment jintalab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici is-somma ta’ Lm1500 sabiex ikunu jistghu isiru r-riparazzjonijiet mehtiega, u b’dan il-mod tissewwa l-hsara kkagunata mill-istess konvenuti.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-segwenti, jekk l-attrici qatt kellha xi dritt dan huwa llum preskritt skond l-art 2153 tal-Kodici Civili.

Illi mhux minnu li l-konvenuti qatt ghamlu xi xogholijiet ta’ skavar jew kwalunkwe xoghol iehor li b’xi mod setgha jaghmel xi hsara fil-propjeta ta’ l-attrici.

Kull meta l-konvenuti ghamlu xi xoghol il-konvenuti ghamlu tali xogholijiet taht is-supervizjoni ta’ perit u fl-ebda okkazzjoni m’ghamlu xi xoghol li setgha jaffettwa l-propjeta` ta’ l-attrici. L-uniku xoghol ta’ skavar li sar, dan ghamlu iben l-attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attici.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza si tratta dwar allegati danni f’fond residenzjali proprjeta tal-attrici – kagun ta’ xoghol pjuttost

ta’ sahha da parti tal-konvenuti fil-fond taghhom adjacenti ghal dak tal-attrici.

Illi l-attrici tallega li x-xoghol sar f’ Settembru 2001. Ir-rapport peritali jgib id-data tat-30 ta’ Marzu 2002 – Fol 2. Pero` ex admissis, l-istess perit ma ghamel l-ebda verifiki ghand il-konvenuti. Anki meta r-ragel tal-attrici mar ghand il-konvenuti, dana ma sab xejn.

Da parti taghhom, il-konvenuti stqarru li ghamlu x-xoghol, pero’ dan kien fis-sena 1989. L-attrici baqghet tinsisti li sar fis-sena 2001. Ix-xhieda u d-dokumenti prodotti minnhom jirrizulta li x-xoghol effettivament sar kif qalu l-konvenuti.

Rinfacjat b’din is-sitwazzjoni, it-Tribunal irid jirrikorri ghal massima bazilari tad-dritt nostrali. Kif gia ritenut f’ H. Lenicher vs J. Camilleri – 31 ta’ Marzu 1975, f’kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratli tort il-konvenut irid jipprovah huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha eziti favorevoli. Anki jekk il-konvenut ma jipprovax; ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova li l-incident ikun gara tort l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu.

Fil-kaz in dezamina, l-attrici naqset li tipprova li l-hsara li grala fid-data minnha ndikata f’ Settembru 2001 saret tort xi atti u/jew gie ommissjoni da parti tal-konvenut. Ma giex sodisfacentemet pruvat li kienu huma li wettqu x-xoghol li kkaguna hsara lill-attrici. F’din il-mankanza l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici u jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjes kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------